31995D0173

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI
tas-7 ta' Marzu 1995
li tippreskrivi kundizzjonijiet speċjali li jirregolaw importazzjonijiet ta' prodotti tas-sajd u akwakultura li joriġinaw mill-Peru

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(95/173/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 91/493/KEE tat-22 ta' Lulju 1991 li tippreskrivi il-kundizzjonijiet ta' saħħa għall-produzzjoni u t-tpoġġija fis-suq ta' prodotti tas-sajd [1], kif l-aħħar emendata bl-Att ta' Adeżjoni ta' l-Awstrija, l-Finlandja u l-Isvezja, u b'mod partikolari l-Artikolu 11 tagħha,

Billi grupp ta' esperti tal-Kummissjoni żar il-Peru sabiex jagħmel spezzjoni ħalli jivverifika l-kundizzjonijiet li bihom jiġu magħmula, maħżuna u mibgħuta prodotti tas-sajd lejn il-Komunità;

Billi d-dispożizzjonijiet tal-leġislazzjoni tal-Peru dwar spezzjoni ta' saħħa u kontrolli fuq prodotti tas-sajd jistgħu jitqiesu ekwivalenti għal dawk preskritti fid-Direttiva 91/493/KEE;
Billi, fil-Peru, il-Ministerio de Salud, Dirección General de Salud Ambiental ("Digesa") huwa kapaċi jivverifika b'mod effettiv l-applikazzjoni tal-liġijiet fis-seħħ;

Billi l-proċedura sabiex jinkiseb iċ-ċertifikat ta' saħħa li hemm riferenza għalih fl-Artikolu 11(4)(a) tad-Direttiva 91/493/KEE għandha tkopri wkoll id-definizzjoni ta' ċertifikat abbozz, il-ħtiġijiet minimi tal-lingwa(i) li fiha jiġi abbozzat u l-grad tal-persuna awtorizzata li tiffirmah;

Billi, skond l-Artikolu 11(4)(b) tad-Direttiva 91/493/KEE, għandha titpoġġa marka fuq pakketti ta' prodotti tas-sajd li tagħti l-isem tal-pajjiż terz u n-numru ta' approvazzjoni tad-ditta ta' oriġini;

Billi, skond l-Artikolu 11(4)(ċ) tad-Direttiva 91/493/KEE, għandha titħejja lista ta' ditti approvati; Billi dik il-lista għandha ssir fuq il-bażi ta' komunikazzjoni mid-Digesa lill-Kummissjoni; billi huwa għalhekk f'idejn id-Digesa li jiżgura konformità mad- dispożizzjonijiet preskritti għal dak il-għan fl-Artikolu 11(4) tad-Direttiva 91/493/KEE;

Billi d-Digesa ipprovda assigurazzjonijiet uffiċjali dwar il-konformità mar-regoli preskritti fil-Kapitolu V ta' l-Anness għad-Direttiva 91/493/KEE u dwar li jiġu sodisfatti l-ħtiġijiet ekwivalenti għal dawk preskritti b'dik id-Direttiva għall-approvazzjoni tad-ditti;

Filwaqt li l-miżuri li għalihom hemm provdut f'din id-Deċiżjoni huma bi qbil ma' l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti Veterinarju,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Ministerio de Salud, Dirección General de Salud Ambiental (Digesa) għandu jkun l-awtorità kompetenti fil-Peru li tivverifika u tiċċertifika l-konformità ta' prodotti tas-sajd u akwakultura mall-ħtiġijiet ta' Direttiva 91/493/KEE.

[1] ĠU L 268, ta' l-24.9.1991, p. 15.

Artikolu 2

Prodotti ta' sajd u akwakultura li joriġinaw mill-Peru, għandhom jissodisfaw il-kundizzjonijiet segwenti:

1. Kull kunsinna għandha tkun akkompanjata b'ċertifikat oriġinali tas-saħħa nnumerat, mimli, iffirmat, datat kif dovut u li jkun magħmul minn folja waħda skond l-abbozz fl-Anness A ta' din id-Deċiżjoni;

2. Il-prodotti għandhom jaslu mingħand ditti approvati elenkati fl-Anness B ma' dan.

3. Minbarra fil-każ ta' prodotti ta' sajd iffriżati fi kwantità u maħsuba għall-manufattura ta' ikel ippriservat, il-pakketti kollha għandhom juru l-kelma "PERU" u n-numru ta' approvazzjoni tad-ditta ta' oriġini b'ittri li ma jitħasrux.

Artikolu 3

1. Ċertifikati kif hemm riferenza għalihom fl-Artikolu 2(1) għandhom jiġu miktuba f'għallinqas lingwa uffiċjali waħda ta' l-Istat Membru fejn isiru l-kontrolli.

2. Ċertifikati għandhom juru l-isem, il-kariga u l-firma tar-rappreżentant tad-Digesa, u t-timbru uffiċjali ta' dan ta' l-aħħar b'kulur differenti minn dak ta' awtorizzazzjonijiet oħra.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tgħodd mill-1 ta' Frar 1995.

Artikolu 5

Din id-Deċiżjoni hija ndirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula Brussel, fis-7 ta' Marzu 1995.

Għall-Kummissjoni

Franz FISCHLER

Membru tal-Kummissjoni

ANNESS A

ĊERTIFIKAT TAS-SAĦĦA

għal prodotti tas-sajd u akwakultura li joriginaw mill-Peru u maħsuba għall-esportazzjoni lejn

Nru ta' Riferenza :.....

Pajjiż ta' dispaċċ: PERU

Awtorità kompetenti: *Ministerio de Salud*
Direction General de Salud Ambiental (Digesa)

I. **Dettalji li jidentifikaw il-prodotti tas-sajd**

Deskrizzjoni ta' prodotti tas-sajd — akwakultura (1)

— speċi (isem xjentifiku): .....

— preżentazzjoni tal-prodott u tip ta' trattament (2): .....

Numru tal-kodiċi (fejn ikun jeżisti): .....

Tip ta' ppakkjar: .....

Numru ta' pakketti: .....

Piż nett: .....

Ħżin u temperatura tat-trasport meħtiega: .....

II. **Oriġini tal-prodotti**

Isem (ismijiet) u numru (numri) ta' approvazzjoni uffiċjali tad-ditta (ditti) approvata (approvati) mid-Digesa, għall-esportazzjoni lejn il-KE :

.....

.....

.....

.....

.....

III. **Destinazzjoni tal-prodotti**

Il-prodotti jintbagħtu
minn: .....
(post tad-dispaċċ)

lejn: .....
(pajjiż u post ta' destinazzjoni)

permezz tal-mezzi ta' trasport segwenti: .....

Isem u indirizz ta' min jibgħat: .....

.....

.....

Isem tad-destinatarju u indirizz fil-post tad-destinazzjoni: .....

.....

.....

(1) Ħassar fejn ikun applikabbli.

(2) Ħajjin, fil-friġġ, iffriżati, immelħin, iffumigati, ippriservati.

IV. Health attestation

The official inspector hereby certifies that the fishery of aquaculture products specified above:

1. were caught and handled on board vessels in accordance with the health rules laid down by Directive 92/48/EEC;
2. were landed, handled and where appropriate packaged, prepared, processed, frozen, thawed and stored hygienically in compliance with the requirements laid down in Chapters II, III and IV of the Annex to Directive 91/493/EEC;
3. have undergone health controls in accordance with Chapter V of the Annex to Directive 91/493/EEC;
4. are packaged, marked, stored and transported in accordance with Chapters VI, VII and VIII of the Annex to Directive 91/493/EEC;
5. do not come from toxic species or species containing biotoxins;
6. have satisfactorily undergone the organoleptic, parasitological, chemical, and microbiological checks laid down for certain categories of fishery products by Directive 91/493/EEC and in the implementing decisions thereto.
7. in addition, where the fishery products are frozen or processed bivalve molluscs: the mollusks were obtained from approved production areas laid down by Annex B to Decision 95/174/EC of 7 March 1995 laying down special conditions for the import of live bivalve molluscs echinoderms, tunicates, and marine gastropods in Peru.

The undersigned official inspector hereby declares that he is aware of the provisions of Directive 91/493/EEC and Annex of Decision 95/174/EC.

Done at ....., on .....
(Place) (Date)

Signature of offcial inspector (1)

.....

.....
(Name in capital letters, capacity and qualifications or person signing) (1)

(1) The colour of the stamp and signature must be different from that of the other particulars in the certificate.

ANNESS B

LISTA TA' DITTI U VAPURI FABBRIKI APPROVATI

I. **Ditti**

Nru ta' approvazzjoni	Ditta	Indirizz	Approvata sa
PR-0449-001-3	PRODUCTOS MARINOS REFRIGERADOS SA	TUMBES	1996.06.30.
PC-1816-002-3	PERUANA DE CONGELADOS SA	CALLAO	1996.06.30.
RI-4018-003-3	REFRIGERADOS YNY SA	TUMBES	1996.06.30.
CX-3531-004-3	COMERCIAL EXPORTADORA SA COEX	TUMBES	1996.06.30.
FR-2560-005-3	FRIGORÍFICO RANSA SA FRIORANSA	CALLAO	1996.06.30.
RT-3340-006-3	REFRIGERADOS TUMBES SA	TUMBES	1996.06.30.
PO-3609-007-3	PRISCO SA	PISCO	1996.06.30.
PA-1795-008-3	PISCIFACTORIA DE LOS ANDES SA	JUNIN	1996.06.30.
PM-3012-009-3	PESQUERA MALLA SA	PISCO	1996.06.30.
AP-1951-001-1	AGROPESCA SA	PAITA	1996.06.30.
DM-1522-002-1	DEL MAR SA	PAITA	1996.06.30.
UI-3910-003-1	UNICSA	PAITA	1996.06.30.
IS-0759-004-1	INDUSTRIAS SAN MIGUEL SA	PAITA	1996.06.30.
IB-3599-005-1	IBC CORP. DE NEGOCIOS SA	PAITA	1996.06.30.
MX-0938-006-1	MAREX SA	PAITA	1996.06.30.
AE-1162-007-1	ARIES EXPORT SRL	PAITA	1996.06.30.
DX-0134-008-1	DEXIM SRL	PAITA	1996.06.30.
AG-1236-009-1	ARCOPA SA	PAITA	1996.06.30.
MP-0889-010-1	MAR & PESCA EIRL	PAITA	1996.06.30.
PC-0048-011-1	PESCONSA SA	PAITA	1996.06.30.
TL-38-2220-012-1	TUNA LATÍN SA	PAITA	1996.06.30.
DH-3087-013-1	DELPHOS SA	PAITA	1996.06.30.
CP-4028-014-1	CONSORCIO PACÍFICO SUR SRL	PAITA	1996.06.30.
PP-3614-015-1	PROPES EIRL	PAITA	1996.06.30.
CV-0716-016-1	CONSORCIO VICTORIA SA	PAITA	1996.06.30.
TF-1493-017-1	TAYTA FISHING SRL PRODUCTOS MARINOS DEL PACÍFICO	PAITA	1996.06.30.
PM-3496-003-2	SUR SA	CHIMBOTE	1996.06.30.
PA-2447-001-2	PESQUERA ANDREA SA	CHIMBOTE	1996.06.30.
IC-0307-001-2	CONSORCIO PESQUERO CAROLINA SA	CHIMBOTE	1996.06.30.
FG-1888-005-2	FRIGOMAR SA	CHIMBOTE	1996.06.30.
AL-2135-006-2	ALIMENTOS AMERICANOS SA	CHIMBOTE	1996.06.30.
PP-1928-004-2	PRODUCTOS PESQUEROS PERUANOS SA (PRODUPESA)	CHIMBOTE	1996.06.30.
UF-0506-007-2	UNION FISHING SA	CHIMBOTE	1996.06.30.
CE-3160-008-2	ENVASADORA CHMBOTE EXPORT	CHIMBOTE	1996.06.30.
CP-1002-010-2	CÍA PESQUERA ESTRELLA DEL PERÚ SA	CHIMBOTE	1996.06.30.
CP-1767-009-2	CORPORACIÓN DE PESCA SA	CHICLAYO	1996.06.30.
IA-0619-010-3	ITALIA ABRUZZO SRL	CHINCHA	1996.06.30.
PS-1718-019-1	PACIFIC SEAFOODS SA	PAITA	1996.06.30.
OR-1676-018-1	OCEAN REEF SEAFOOD SA	PIURA	1996.06.30.
PR-0781-011-2	EMPRESA PESQUERA EL ROCÍO SA	TRUJILLO	1996.06.30.
MS-0922-020-1	MAI SHI SRL	PAITA	1996.06.30.
SN-3324-021-1	EMPRESA DE SERVICIOS Y REPRESENTACIONES PESQUERAS "NAUTILUS" SRL (SERPESNA)	PAITA	1996.06.30.
MN-1592-011-3	PROCESADORA DE PRODUCTOS MARINOS DEL NORTE SA (PROMANORSA)	ZORRITOS	1996.06.30.
ME-0392-012-3	MARIEXPORT SA	PUCUSANA	1996.06.30.

II. **Vapuri fabbriki**

Nru ta' approvazzjoni	Isem	Isem u indirizz tas-sid	Approvazzjoni mogħtija sa
AI-1236-023-1	BAF ISABEL PAITA	ARCOPA SA	1996.06.30.
AM-1236-022-1	BAF ANA MARÍA PAITA	ARCOPA SA	1996.06.30.
TL-38-2220-012-1	ZENKO MARU PAITA	TUNA LATÍN SA	1996.06.30.